*radju u tat-televiżjoni qed iqallbu r-ruħ tal-Ilsien Malti minn għeruqha. Tgergir ilu jsir, suġġerimenti saru anki waqt seminar u l-prattika baqgħet teorija.*

*Jekk jeħtieġ, issir tibdila sħiħa anki radikali fl-Istatut, jitwarrbu xkilijiet u jiżdiedu għanijiet u meżżi. Organiżmu li ma jitbiddilx u jadatta ruħu maż-żminijiet jispiċċa biex jibbies u jitlef il-mobilità tiegħu, l-aktar fir-ritmu mgħaġġel tal-ħajja mqallba li qed ngħixu. Il-progress ma jistax jieqaf jistenna li wieħed isib iż-żmien.*

*U għalhekk ma tistax ikollok membri fil-Kunsill li jkunu mgħobbija u mxekkla b'elf ħaġa oħra li tnaqqsilhom u ttellifhom mill-ħeġġa meħtieġa fil-Kunsill, ma jistax ikollok membri b'interessi konfliġġenti, ma jistax ikollok membri għall-unur, membri għar-rispett, membri għax …… u membri għax …… Il-membri tal-Kunsill u l-Istatut jew ser ikunu ta' sfida għal min raqad u għeja jew ser ikunu sodda xaħxieħa għal min irid jistrieħ u jitpaħpaħ.*

*Waslet elezzjoni oħra tal-Kunsill u jeħtieġ li l-membri kollha jintebħu bid-dmir tagħhom li jagħtu ħajja lill-għaqda ta' bejnietna. Jeħtieġ li għaliha jattendu kollha anki b'sagrifiċċju. Min għejja, min xaba', min tilef l-interess għandu jistqarr ċar u tond qabel l-elezzjoni ħalli wieħed ikun jaf fejn hu u fejn mhux, min hu membru u min hu numru biss.*

*Qed ngħidu dan mhux b'sens ta' kritika, imma b'sens ta' dmir qawwi lejn l-Akkademja, qed ngħiduh għall ġieħ tagħha u ta' Lsien art twelidna. Ma tistax tagħmel elezzjoni b'erba' membri jiġru li minnhom trid ittella' Kunsill. Ma tistax ikollok Akkademja li l-membri ma jattendux għall-elezzjoni. Nixtiequ naraw lill-Akkademja fil-milja ta' rġulitha, kollha ħajja, kollha maturità u attività. Hu żmien ta' riflessjoni, żmien ta' eżami, żmien ta' tiġdid li jeħtieġ li nħejju għalih.*

*Nitolbu suġġerimenti, nitolbu pariri, ideat u fuq kollox interess ġenwin. Jew il-membri jqumu jew imutu; l-Akkademja trid tibqa' ħajja b'membri ħajjin. Hekk jitlob l-unur, hekk jitlob id-dmir tal-membri, hekk jitlob il-ġieħ tal-kawża tagħna. U aħna konvinti li dan iseħħ. Il-motto tagħna għas-snin li ġejjin irridu li jkun: AKKADEMJA HAJJA B'MEMBRI HAJJIN.*

# TLIFNA LIL F.X. MANGION

Fl-ewwel ġranet ta' Diċembru, waqt li dan l-għadd ta' "Il-Malti" kien ġa fl-istampa qrajna għall-għarrieda li s-Sur Franz Mangion miet. Ma kienx ilu li attenda għall-aħħar seduta tal-Kunsill tal-Akkademja li tagħha kien membru. U wieħed mill-aħħar xogħlijiet li għamel qabel mewtu kienet kontribuzzjoni għal "Il Malti" bħala reċenzjoni u l-ġudizzju tiegħu fuq xi membri ġodda li talbu biex jidħlu bħala membri akkademiċi.

Is-sur Mangion kien bniedem magħruf biżżejjed f'Malta għax qattà' ħajtu kollha jaħdem għall-edukazzjoni ta' wliedna. Kien mgħallem fl-iskejjel primarji, kien surmast u mbagħad spettur fid-dipartiment tal-edukazzjoni. Kien jagħti l-privat, kien igħallem fil-Kulleġġ tat-Taħriġ tal-Għalliema u kien ukoll igħin l-iskola li s-sinjura tiegħu għandha ġo tas-Sliema.

Kien membru ta' diversi għaqdiet u kif ġa għedna kien membru akkademiku magħna minn Ottubru tal-1972. Dan l-aħħar kien ukoll membru tal-Kunsill u kien wieħed mill-iktar assidwi fl-attendenza u fil-kooperazzjoni tiegħu għal dak li jkun hemm bżonn. Kien inkarigat dan l-aħħar mill-Kunsill biex flimkien ma' Patri Karm Fenech, S.J., is-segretarju tal-Akkademja u editur ta' 'Il-Malti" u mas-sur Frans Sammut membru ieħor tal-Kunsill, jiġbru antoloġija tal-aħħar novelli li dehru fil-Malti u oħra ta' l-aħjar essays.

Is-Sur Mangion kiteb bosta artikolu, novelli u poeżiji li hu ippubblika f'diversi rivisti u xandar anki fuq ir-Rediffusion u Xandir Malta. Imma l-aqwa biċċa xogħol tiegħu li tibqa' torbtu mal-letteratura tal-Malti hija bla dubbju x-xogħol kbir u meħtieġ li hu wettaq meta qaleb għall-Malti l-poema ta' Milton, "Paradise Lost" li hu ippublika taħt l-Isem "Il-Ġenna Mitlufa." Biċċa xogħol li titlob mhux biss kapaċità fl-ilsien Malti imma ukoll fl-ilsien Ingliż u arti poetika ukoll. Dan kien ippublikat mill-Klabb Kotba Maltin u nistgħu naħsbu ta' liema sodisfazzjon kien għas-sur Mangion li jara ħidma li swietlu tant sabar u tant saħriet u għaraq tara d-dawl.

Mis-sur Mangion l-Akkademja tilfet membru ħabrieki, mhux biss tal-Akkademja imma anki tal-kunsill, tilfet membru li kien attiv u li kien jidħol għax-xogħol b'ruħu u ġismu. Aħna waqt li jisgħob bina għat-telfa tiegħu, nagħtu l-għomor kif ġa għamilna lill-familja tiegħu u nitolbu lill-qarrejja kollha jiftakru f'ruħu fit-talb tagħhom.